MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2013

Numru. 505/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR PRISCILLA CARUANA**

**VS**

**DEGUARA WAYNE**

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imsemmi Wayne Deguara, imwieled fl-10 ta' Ottubru 1989 u residenti 83, Abalone, Triq l-Ghannejja, Birzebbuga detentur tal-Karta tal-Identita` numru 483989 (M).

**Talli fis-22 ta' Mejju 2013,**

ghal habta tal-22:40hrs quddiem il-Power Bar, li jinsab fi Triq il-Bajja s-Sabiha, Birzebbuga, volontarjament ikkaguna ferita ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Adrian Attard skont kif iccertifika Dr Silvio J Grixti MD numru ta’ registrazzjoni 2987 miz-Zejtun;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghek, jew b’nuqqas ta’ tharris ta’ regolamenti, ikkagunajt hsara fuq nuccali tal-vista ghad-detriment ta’ Adrian Attard miz-Zejtun.

**Il-Qorti:**

Wara li semghet il-provi prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li rat l-Artikoli 216 u 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tillibera lill-imputat mit-tieni akkuza stante illi Attard kien xehed illi ma jafx minn kissirlu n-nuccali u dwar l-ewwel imputazzjoni issibu hati teknikament li izda hemm diminuzzjoni ta’ responsabbilta billi kien hemm provokazzjoni.

Il-Qorti tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur ai termini tal-art 22 tal-Kap 466 tal-Ligijiet ta’ Malta

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------